



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2013/2103 (INI)

3.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi
(2013/2103(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Corina Crețu

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-kawżi ewlenin tat-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali huma l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-faqar, flimkien ma' inugwaljanzi etniċi u soċjoekonomiċi oħra, kif ukoll il-kunflitti armati, u li l-vittmi ewlenin huma n-nisa u t-tfal bi status soċjoekonomiku baxx;
2. Jenfasizza l-fatt li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi l-aktar vulnerabbli, bħall-bniet, it-tfal b'diżabilitajiet u n-nisa li huma parti minn gruppi ta' minoranza;
3. Jindika li l-korruzzjoni għandha rwol importanti fil-faċilitazzjoni u t-tħeġġiġ tat-traffikar tal-bnedmin;
4. Jinnota li l-isfruttament sesswali huwa forma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, u li jitwettaq l-iżjed mill-irġiel u l-aktar kontra n-nisa, u għaldaqstant jenfasizza li l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet huma ta' importanza kbira sabiex jitnaqqas dan il-ksur estrem tad-drittijiet tal-bniedem;
5. Jistieden lill-UE, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, lill-gvernijiet nazzjonali u lill-partijiet rilevanti oħra jikkooperaw fil-livell tal-UE għall-ħolqien ta' qafas komuni ta' dispożizzjonijiet għal azzjoni kontra l-kawżi sottostanti, il-kriminalizzazzjoni (inkluż ix-xiri ta' servizzi sesswali), is-sanzjonijiet u kooperazzjoni transkonfinali mtejba dwar il-protezzjoni mill-abbuż u l-isfruttament sesswali;
6. Jenfasizza l-importanza li titqies il-biża' tal-istigmatizzazzjoni meta jitfasslu politiki u strateġiji nazzjonali dwar l-assistenza ġudizzjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll fil-pajjiżi kollha fejn qed iseħħu t-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' servizzi legali effettivi fejn jistgħu jiġu rappurtati każijiet ta' abbuż, partikolarment matul kriżijiet umanitarji;
7. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw azzjonijiet sabiex iġibu fi tmiem it-turiżmu sesswali mill-Istati Membri tal-UE lejn destinazzjonijiet oħra;
8. Jenfasizza li l-miżuri għall-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni għandhom jiffukaw fuq żoni affettwati mill-gwerer skont ir-riżoluzzjoni 1325 tal-31 ta' Ottubru 2000 u r-riżoluzzjoni 1820 tad-19 ta' Ġunju 2008 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimpedixxu d-domanda għall-isfruttament fil-forma ta' prostituzzjoni u traffikar tal-bnedmin għal skopijiet ta' sfruttament sesswali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ricardo Cortés Lastra, Charles Goerens, Filip Kaczmarek, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Jean Roatta, Michèle Striffler, Alf Svensson, Keith Taylor, Patrice Tirolien
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Emer Costello, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Fiona Hall, Eduard Kukan, Bart Staes, Jan Zahradil
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fabrizio Bertot, Tanja Fajon, Miroslav Mikolášik